

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0286/2009

30.4.2009

RAPPORT

dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Aldo Patriciello
(2009/2021(IMM))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur għal opinjoni: Aloyzas Sakalas

WERREJ

	Paġna
PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	4
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	8

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Aldo Patriciello (2009/2021(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba ta' Aldo Patriciello għall-ħarsien tal-immunità tiegħu b'konnessjoni mal-investigazzjoni li għaddejja bħalissa min-naħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fi fhdan il-Qorti Distrettwali ta' Isernia, kif imħabbra fis-seduta plenarja tad-9 ta' Marzu 2009,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, u l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986 u tal-21 ta' Ottubru 2008¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0286/2009),
1. Jiddeċiedi li jħares l-immunità u l-privileġġi ta' Aldo Patriciello;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-Kumitat responsabbli immedjatament lill-awtoritajiet konċernati tar-Repubblika Taljana.

¹ Kawża 101/63, Wagner/Fohrmann u Krier, Ġabra 1964, p. 383, u Kawża 149/85, Wybot/Faure u oħrajn, Ġabra (1986) ECR 2391, u Kawżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 Marra v De Gregorio u Clemente, li għadhom mhumiex irrapportati fil-Ġabra.

NOTA SPJEGATTIVA

I. FATTI

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu, il-President tal-Parlament ħabbar li kien irċieva talba għad-difiża tal-immunità parlamentari ta' MEP permezz ta' ittra, li ġiet mgħoddija lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 6(3) tar-Regoli ta' Proċedura.

It-talba hija relatata mal-investigazzjoni li tirrigwardja s-Sur Aldo Patriciello b'konnessjoni ma' reat imputabbli skont l-Artikolu 61(10) u 368 tal-Kodiċi Kriminali Taljan, li hi pendenti quddiem l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fi ħdan il-Qorti Distrettwali ta' Isernia.

Għall-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti ta' Isernia (Italja), is-Sur Aldo Patriciello waqt diskussjoni li saret fil-preżenza tal-Marixxall Gaetano Pirozzo, tal-Viċi-Brigadier Enzo Valente, tal-Appuntat Magħżul Luigi Ponzetto u l-Carabiniere Massimo Santantonio, li lkoll jiffurmaw parti mill-istakkament tal-Carabinieri stazzjonati fil-Kwartieri Ġenerali ta' Venafro u lkoll marbutin bl-obbligu li jirrapurtaw reati kriminali, u li kienu qed iwiegħbu għal rapporti ta' vjolazzjoni tal-Kodiċi tat-Triq maħruġa minn Stefania di Clemente, uffiċjal tal-pulizija municijali fi ħdan il-Muniċipalità ta' Petrilli, dwar numru ta' sewwieqa li pparkjaw il-vetturi tagħhom ħdejn il-faċilità 'Neuromed' (Istitut Newroloġiku Mediterranju), huwa qal li tal-aħħar [Stefania Di Clemente] kienet iffalsifikat il-ħinijiet tat-tali rapport meta fil-fatt l-ebda falsifikazzjoni ma' kienet legalment seħħet, u li għaldaqstant akkużaha bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti pubbliċi anke jekk kien jaf li hi kienet innoċenti.

II. IL-LIĠI U KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI DWAR L-IMMUNITÀ TA' MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

1. L-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965, jgħidu hekk:

Artikolu 9:

Membri tal-Parlament Ewropew mgħandhom ikunu suġġetti għall-ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

Artikolu 10:

Matul is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom:

- a. *igawdu fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom;*
- b. *fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenzjoni u minn proċeduri legali.*

L-immunità bl-istess mod tkun tgħodd għall-Membri waqt li jkun qad jivvjaġġaw lejn

u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tiġi invokata la meta Membru jinqabad fil-fatt li jwettaq reat u lanqas ma żżomm lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu.

2. Il-proċedura fil-Parlament Ewropew hija regolata mill-Artikoli 6 u 7 tar-Regoli ta' Proċedura. Id-dispożizzjonijiet rilevanti jgħidu hekk:

Artikolu 6 – Tneħħija tal-immunità:

1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament għandu qabel kollox iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġiżlattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom.

(...)

3. Kull talba indirizzata lill-President minn Membru jew ex-Membru biex jiddefendi privileġġi u immunitajiet għandha tiġi mħabbra fil-Parlament u rriferuta lill-kumitat responsabbli.

(...)"

Artikolu 7 – Proċeduri dwar l-immunità:

1. Il-kumitat responsabbli għandu jikkunsidra mingħajr dewmien u skont l-ordni li fih tressqu t-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-immunità u tal-privileġġi.

2. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni li sempliċement tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija tal-immunità jew għall-ħarsien tal-immunità u tal-privileġġi.

3. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema'; jista' jgħib miegħu dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn Membru ieħor.

4. Jekk it-talba tfittex li tneħħi l-immunità għal iktar minn raġuni waħda, kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni separata. Ir-rapport tal-kumitat jista', bħala eċċezzjoni, jipproponi li t-tneħħija tal-immunità tapplika biss għal proċeduri ta' prosekuzzjoni u li, sakemm tingħata sentenza definittiva, il-Membru għandu jkun immuni minn kull forma ta' detenzjoni jew limitazzjoni tal-libertà jew minn kull miżura li ma tħallihx iwettaq id-dmirijiet marbuta mal-mandat tiegħu.

(...)

6. F'każi li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-immunità jew tal-privileġġi, il-kumitat għandu jiddikjara jekk iċ-ċirkustanzi jkunux jikkostitwixxu xkiel amministrattiv jew xkiel ieħor mqiegħed għall-moviment ħieles tal-Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-postijiet fejn jiltaqa' l-Parlament jew opinjoni espressa jew vot mitfugħ fit-twettiq tal-mandat jew li jaqgħu fi ħdan l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet li ma jidħlux fl-ambitu tal-liġi nazzjonali, u għandu jagħmel proposta sabiex l-awtorità kkonċernata tiġi mistiedna tasal għall-konklużjonijiet meħtieġa.

7. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza tal-awtorità in kwistjoni u dwar l-ammissibilità tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza mgħandu jippronunzja ruħu

*dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas dwar jekk l-opinjoni u l-atti attribwiti lilu jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb taġġir dettaljat tal-fatti tal-każ.
(...)"*

Liġi nazzjonali rilevanti

Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana, kif emendata mil-Liġi Kostituzzjonali Nru 3 tad-29 ta' Ottubru 1993, Artikolu 68 [Indennità , Immunità]:

(1) Il-Membri tal-Parlament Ewropew ma għandhomx jinżammu responsabbli għall-opinjoni u l-voti mitfugħa minnhom fil-qadi ta' dmiriethom.

(2) L-ebda membru tal-Parlament m'għandu, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kamra li jappartjeni lilha, ikun soġġett għal mandati ta' perkwiżizzjoni fuq il-persuna tagħhom jew fid-djar tagħhom, arrestat jew inkella mċaħħad mil-libertà personali tiegħu jew miżmum fi stat ta' detenzjoni ħlief fil-każ tal-eżekuzzjoni ta' kundanna irrevokabbli, sakemm ma jinqabdux iwettqu xi offiża kriminali fil-fatt li għaliha l-arrest ikun mandatorju.

(3) Jeħtieġ ikun hemm awtorizzazzjoni sabiex Membri tal-Parlament ikun soġġett għal kwalunkwe forma ta' interċettazzjoni tal-konversazzjonijiet jew tal-komunikazzjonijiet tagħhom, u sabiex tiġi ssekwestrata l-posta jew il-korrispondenza tagħhom.

III. ĠUSTIFIKAZZJONI GĦAD-DEĊIŻJONI PROPOSTA

Is-Sur Patriciello jitlob li jiġi applikat l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 68(1) tal-Kostituzzjoni Taljana, li jipprovi li: "Il-Membri Parlamentari m'għandhomx jinżammu responsabbli għall-opinjoni u l-voti mitfugħa minnhom fil-qadi ta' dmiriethom."

L-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jipprovi li Membri tal-Parlament Ewropew għandhom immunità assoluta minn proċeduri legali "fir-rigward ta' opinjonijiet espressi... fil-qadi ta' dmiriethom".

Fil-fatt, fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, is-Sur Patriciello sempliċement ikkummenta fuq fatti li huma fid-dominju pubbliku, id-drittijiet taċ-ċittadini li jkollhom aċċess faċli għall-Isptar u ċentri tas-saħħa, li kellhom impatt importanti fil-ħajja kwotidjana tal-kostitwenti tiegħu.

Is-Sur Aldo Patriciello m'aġixxiex għall-interess tiegħu, u ma riedx jinsulta uffiċjal pubbliku, iżda aġixxa fl-interess ġenerali tal-elettorat tiegħu fl-ambitu tal-attività politika tiegħu.

Waqt li għamel dan, kien qed jeseġwixxi d-dmir tiegħu bħala Membru tal-Parlament li jwassal opinjoni dwar kwistjoni ta' interess pubbliku lill-kostitwenti tiegħu.

IV. KONKLUŻJONIJIET

Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, wara li eżamina r-raġunijiet favur u kontra d-difiża tal-immunità,

jirrakkomanda li l-immunità tas-Sur Aldo Patriciello għandha tiġi difiża.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	30.4.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 7 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Diana Wallis, Jaroslav Zvěřina
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Gauzès, Jacques Toubon
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Herbert Reul